DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' April 2007

li għandha x'taqsam mal-miżuri meħuda mis-Slovenja wara epidemiji ta' deni klassiku tal-ħnieżer fil-Kroazja

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1830)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/314/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar kontrolli veterinarji fil-kummerċ intrakomunitarju bil-għan li jiġi kkompletat is-suq intern [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju u żutekniku applikabbli għall-kummerċ intrakomunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet sanitarji li jirregolaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li ġejjin mill-annimali għall-konsum mill-bniedem [3], u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

(1) Mit-3 ta' Marzu 2007, kien hemm diversi epidemiji ta' deni klassiku tal-ħnieżer fil-Kroazja viċin tal-fruntiera mas-Slovenja. Fuq il-bażi tat-tagħrif mogħti mill-Kroazja, fit-8 ta' Marzu 2007, is-Slovenja ħadet il-kontroll u l-miżuri ta'prekawzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-irziezet tal-ħnieżer u l-moviment tal-ħnieżer f'żoni ristretti, li jinsabu fil-muniċipalità ta' Brežice u f'distanza ta' 3 u 10 kilometri 'l bogħod minn epidemija fil-Kroazja. Miżuri differenti japplikaw fiż-żoni ristretti ta' 3 u 10 kilometri msejsa fuq ir-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-miżuri tal-Komunità għall-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer [4].

(2) Barra dan, fit-12 ta' Marzu 2007 i s-Slovenja ħadet miżuri simili fiż-żoni, li jinsabu fil-muniċipaliajiet ta' Razkrizje, Ljutomer, Ormoz u ta' Črenšovci u f'distanza ta' 10 kilometri minn epidemija oħra fil-Kroazja.

(3) Il-miżuri li ttieħdu mis-Slovenja ġew innotifikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri mingħajr dewmien. Dawk il-miżuri jinkludu projbizzjoni fuq id-diffużjoni tal-ħnieżer u l-laħam tagħhom miż-żoni ristretti lil partijiet oħra tas-Slovenja u lill-Istati Membri oħra.

(4) Il-miżuri ta' prekawzjoni u kontroll li ttieħdu mis-Slovenja wrew li huma effettivi billi sal-lum l-ebda epidemija ta' deni klassiku tal-ħnieżer ma ġiet rappurtata f'dak l-Istat Membru.

(5) Madankollu, sabiex jiġi evitat kull tixrid ta' deni klassiku tal-ħnieżer fil-Komunità huwa xieraq li tiġi stipulata projbizzjoni, f'din id-Deċiżjoni, fuq id-diffużjoni tal-ħnieżer minn irziezet li jinsabu fiż-żona ristretta stabbilita mis-Slovenja.

(6) Iżda, sforz tal-perjodu ristrettiv imġedded, huma mistennija problemi li jikkonċernaw l-istat ta' saħħa fl-irziezet li joħolqu l-ħtieġa li jiġu permessi derogi fir-ristrezzjoni tal-moviment.

(7) Għalhekk, id-diffużjoni tal-ħnieżer miż-żoni ristretti għal biċċerija partikolari fis-Slovenja għall-qatla minnufih u għall-irziezet f'dak l-Istat Membru li jinsab barra ż-żoni ristretti għandu jitħalla suġġett għall-kondizzjoni li l-ħnieżer ġew eżaminati b'riżultati negattivi skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/106/KE ta' l-1 ta' Frar 2002 li tapprova Manwal Dijanjostiku li jistabbilixxi proċeduri dijanjostiċi, metodi ta' kkampjunar u kriterji għall-valutazzjoni ta' testijiet tal-laboratorju għall-konferma tad-deni klassiku tal-ħnieżer [5].

[1] ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33.

[2] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315, 19.11.2002, p. 14).

[3] ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

[4] ĠU L 316, 1.12.2001, p. 5. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/104/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 352).

[5] ĠU L 39, 9.2.2002, p. 71. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2003/859/KE (ĠU L 324, 11.12.2003, p. 55).

(8) L-ebda biċċerija ma tinstab fiż-żoni ristretti li toħloq il-ħtieġa lill-awtoritajiet Sloveni li tintaħgżel biċċerija barra dawk iż-żoni, għal raġunijiet ta' l-istat ta' saħħa, għall-ħnieżer miż-żoni ristretti.

(9) Għandhom jiġu stipulati kontrolli stretti mis-Slovenja f'dak li għandu x'jaqsam mad-diffużjoni tal-ħnieżer minn irziezet fiż-żoni ristretti għal biċċerija magħżula jew razzett ieħor magħżul barra dawk iż-żoni. Minħabba fil-kontrolli stretti, huwa meħtieġ li l-laħam minn dawn il-ħnieżer jiġi suġġett għal trattament skond id-Direttiva 2002/99/KE. Barra minn hekk, dan il-laħam m'għandux jitħalla jidħol fil-kummerċ intrakomunitarju jew internazzjonali.

(10) Huwa xieraq li jiġu stipulati miżuri speċifiċi f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-immarkar ta' laħam frisk tal-ħnieżer miż-żoni ristretti fis-Slovenja u l-użu tiegħu sussegwenti kif ukoll id-destinazzjoni tal-prodotti pproċessati. Miżuri bħal dawn m'għandhomx inaqqsu l-grad ta' ħarsien mid-deni klassiku tal-ħnieżer fil-Komunità u m'għandhomx ixekklu l-kummerċ intrakomunitarju jew dak internazzjonali.

(11) Għalhekk, huwa xieraq f'dan il-każ partikolari li tiġi stipulata marka alternattiva speċifika ta' identifikazzjoni li s-Slovenja tista' tuża għal laħam frisk miż-żoni ristretti u li ma tistax tiġi mfixkla mal-marki ta' identifikazzjoni għal-laħam tal-majjal imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali [1] jew ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi arranġamenti tranżitorji għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 853/2004, (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemendaw ir-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 [2] u l-marka ta' saħħa għal-laħam frisk tal-majjal imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem [3].

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Is-Slovenja għandha tiżgura li d-diffużjoni tal-ħnieżer minn irziezet li jinsabu fiż-żoni ristretti stabbiliti minn dak l-Istat Membru wara epidemiji ta' deni klassiku tal-ħnieżer fil-Kroazja jkun projbit.

Madankollu l-ħnieżer bħal dawn jistgħu jintbagħtu minn razzett fejn il-ħnieżer ġew sottomessi għall-eżaminazzjonijiet kliniċi b'riżultati negattivi u investigazzjonijiet fil-laboratorju skond:

(a) punt 1 u punt 3 f'Kapitolu IV(D) ta 'l-Anness tad-Deċiżjoni 2002/106/KE meta l-ħnieżer jittieħdu direttament f'biċċerija partikolari fis-Slovenja għall-qatla minnufih, jew

(b) punti 1, 2 u t-tieni, t-tielet u r-raba' subparagrafi tal-punt 4 fil-Kapitolu IV(D) ta'l-Anness tad-Deċiżjoni 2002/106/KE meta l-ħnieżer jittieħdu f'razzett fis-Slovenja li jinsab barra miż-żona ristretta, fejn il-kampjuni tad-demm għall-investigazzjoni tal-laboratorju għandhom jittieħdu fir-razzett ta' l-oriġini qabel id-diffużjoni tal-ħnieżer.

2. Is-Slovenja għandha twettaq investigazzjonijiet fil-laboratorju skond il-punt 4 tal-Kapitolu IV(D) ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 2002/106/KE għall-ħnieżer imsemmija fil-paragrafu 1 li jittieħdu f'biċċerija.

3. Il-Slovenja għandha mingħajr ebda dewmien tikkomunika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-listi aġġornati taż-żoni ristretti msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 2

1. Is-Slovenja mhijiex se tkun mitluba tissottometti laħam frisk li ġej mill-ħnieżer imsemmi fl-Artikolu 1(1) ta' din id-Deċiżjoni għat-trattament xieraq stipulat fl-Anness III tad-Direttiva 2002/99/KE sakemm dak il-laħam frisk jiġi mmarkat bil-marka msemmija fl-Anness II ta' dik id-Direttiva jew b'marka alternattiva ta' identifikazzjoni li tinqara sew u li ma titħassarx skond il-mudell stipulat fl-Anness ta'din id-Deċiżjoni.

Dik il-marka ma tistax tiġi mfixkla:

(a) mal-marka ta' identifikazzjoni għal-laħam frisk imsemmija fit-Taqsima I, Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

[1] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

[2] ĠU L 338, 22.12.2005, p. 83. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1666/2006 (ĠU L 320, 18.11.2006, p. 47).

[3] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006.

(b) mal-marka tas-saħħa għal-laħam frisk tal-ħnieżer imsemmija fil-Kapitolu III tat-Taqsima I ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004;

(ċ) mal-marka ta' identifikazzjoni ta' laħam frisk imsemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2005.

2. Il-laħam tal-majjal imsemmi fl-Artikolu 1:

(a) m'għandux jintbagħat mis-Slovenja lill-Istati Membri l-oħra jew jiġi esportat lill-pajjiżi terzi;

(b) għandu jinkiseb, jitqatta', jiġi ttrasportat u maħżun separatament minn laħam maħsub għall-kummerċ intrakomunitarju jew għall-esportazzjoni lill-pajjiżi terzi;

(ċ) għandu jintuża b'tali mod li jiżgura li mhuwiex introdott fi prodotti tal-laħam maħsuba għall-kummerċ intrakomunitarju jew għall-esportazzjoni lill-pajjiżi terzi, sakemm dan il-laħam ma jkunx għadda minn trattament stipulat fl-Anness III tad-Direttiva 2002/99/KE.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' April 2007.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Il-marka msemmija fl-Artikolu 2(1) għandha tkun tinqara faċilment u jkollha karattri jidhru biċ-ċar kif ukoll l-għamla u l-indikazzjonijiet li ġejjin:



Fejn:

— "XY" tfisser il-kodiċi tal-pajjiż rilevanti stipulat fil-punt 6 tal-Parti B tat-Taqsima I ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; u

— "1234" ifisser in-numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment imsemmi fil-punt 7 tal-Parti B tat-Taqsima I ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.